**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU MANUEL MALLIA DWAR IL-KUNSILL DWAR IL-ĠUSTIZZJA U INTERN (IL-PARTI LI TIKKONĊERNA L-INTERN) LI SAR NHAR IT-TLIETA 8 TA' OTTUBRU 2013**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill tal-Ġustizzja u Intern li ltaqa' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru. Jien ser nittrata il-parti li taqa' taħt il-Ministeru tiegħi.

Qabel xejn, iżda, ippermetuli nibda bit-traġedja li seħħet fi tmiem din il-ġimgħa li fiha kien involut pajjiżna. Kienet traġedja li ħallietni xxukkjat. Jien minn qalbi nirringrazzja lill-membri tal-Armata, tal-Pulizija, l-istaff ta' Mater Dei u taċ-ċentri miftuħa u dawk ta' detenzjoni, tal-umanità u l-kuraġġ li wrew f'dawn iċ-ċirkostanzi. Għadha għaddejja ħidma sabiex ikunu irrintraċċati l-membri tal-familji li setgħu sfaw separati.

Dan juri biċ-ċar li kull ġurnata li tgħaddi mingħajr ma tittieħed azzjoni konkreta min-naħa tal-Unjoni Ewropea, ser tfisser biss aktar telf ta' ħajjiet. Din hija kriżi umanitarja kbira u għalkemm l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea hija importanti ħafna, din mhijiex għodda biex issoddilna ħalqna u nibqgħu passivi. Hemm bżonn ta' pjan t'azzjoni fuq livell Ewropew sabiex nindirizzaw din l-isfida, u dan irid jibda jiġi implimentat minnufih.

Dan huwa preċiżament dak li sħaqt fuqu matul il-Kunsill. Ejjew mid-diskors ngħaddu għal-fatti; irridu nieqfu niskantaw u nibdew naġixxu bis-serjetà. Id-Diskussjoni interminabli fuq xi jmissna nagħmlu mhux se ssalva ħajjiet. Ilna nitkellmu wisq mingħajr ma wasalna viċin li nindirizzaw din il-problema bis-serjetà għax għadna ma wasalna mkien. Irridu issa ngħaddu għal-azzjoni li ssarraf.

Il-Prim Ministru biż-żjara fil-Libja f'dawn l-aħħar jiem reġa' wera biċ-ċar li Malta verament temmen li l-Libja hija parti mis-soluzzjoni li qegħda tfittex l-Ewropa, u mhux il-problema.

Ngħaddi issa billi nagħti l-informazzjoni lil din il-Kamra dwar il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern.

F'dan il-Kunsill iddiskutejna suġġetti varji iżda żgur li l-aktar t'importanza kienu dawk li jmissu l-immigrazzjoni irregolari, speċjalment minħabba li dan il-Kunsill seħħ wara t-tragedja ta' Lampedusa li ħalliet aktar minn tlett mija u ħamsin persuna mejta.

Dan il-gvern jinnota li t-traġedja ta' Lampedusa serviet biex suġġett li aħna ilna nagħmlu pressjoni fuqu nibdew nitkellmu fuqu b'ċertu serjeta' fuq livell internazzjonali. F'dan il-kunsill tal-Ministri, il-messaġġ tiegħi (u ta' oħrajn) kien wieħed - l-immigrazzjoni rregolari hija problema tal-Unjoni Ewropea u mhux ta' xi Stat Membru wieħed.

Jiena sħaqt li rridu nikkumbattu aktar lill-organizzazzjonijiet kriminali partikolarment dawk involuti fit-traffikar tal-persuni. Irridu wkoll inkomplu bit-taħdidiet fil-qafas tad-Djalogu dwar il-Mobilità u l-Migrazzjoni u nagħmlu kull sforz biex jibdew dawn it-taħdidiet partikolarment mal-Libja. Il-Libja hija parti mis-soluzzjoni. Dawk li jkollhom bżonn ta' protezzjoni għandhom ikollhom din il-protezzjoni mingħajr ma jissugraw ħajjithom.

Fuq kollox, aħna u l-Italja ressaqna proposta biex titwaqqaf *task force* segwita minn pjan ta' azzjoni, liema proposta kienet milqugħa mill-Kummisjoni Ewropea. S'issa però dan għadu fuq karta u għadna m'għaddejniex għall-fatti.

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill, il-Kummissjoni ipproponiet li ssir operazzjoni konġunta ta' sorveljanza minn naħa għall-oħra tal-Mediterran bil-Frontex. Bla dubju, aħna lesti nikkunsidraw dan flimkien ma' miżuri oħra. Naturalment irridu naraw l-implikazzjonijiet tal-proposta u speċjalment li din il-proposta

ma tkunx biss għotja ta' tagħmir minn xi Stati Membri iżda irridu ngħaddu għas-solidarjetà fejn jidħlu l-persuni li jkunu interċettati u salvati waqt din l-operazzjoni.

Għaldaqstant, fil-fehma tagħna, is-sorveljanza waħedha mhix biżżejjed. Irridu inkunu żguri li traġedji bħal ma kellna f'dawn l-aħħar jiem ma jkomplux iseħħu. Iridu jittieħdu miżuri li jwaqqfu l-bżonn tal-imigrazzjoni irregolari, ċioe l-bżonn ta' dawn in-nies li jpoġġu ruħhom fil-periklu u jissugraw ħajjithom fuq dgħajjes ippakkjati, bit-tama li jiksbu protezzjoni. Jiena konvint, u se nipproponi, li l-Unjoni Ewropea għandha tikkonsidra soluzzjonijiet fil-punti ta' tluq sabiex jiġu evitati aktar traġedji fl-ibħra tal-Mediterran. Beħsiebni għalhekk niltaqa' f'laqgħat bilaterali oħrajn mal-Italja sabiex flimkien nitkellmu b'vuċi waħda għal-soluzzjoni immedjata.

B'hekk Malta se tressaq proposta konkreta li toffri soluzzjoni fattibbli għall-problema li qed niffaċċjaw fil-Mediterran. Jien konvint li, fiċ-ċirkostanzi preżenti, l-implimentazzjoni ta' proposta bħal din mhijiex biss mixtieqa iżda essenzjali.

Ser inkompli billi ninfurmakhom dwar żviluppi oħra li seħħew matul il-Kunsill. Fir-rigward tas-Sirja, fl-intervent tiegħi għidt li qegħdin insegwu l-kriżi mill-qrib u nifhmu li din il-kriżi għandha ir-riperkussjonijiet fuq l-iStati Membri, fuq xi uħud aktar minn oħrajn. Malta wkoll kellna aktar wasliet mis-Sirja li jkomplu jiżdiedu mal-immigranti l-oħra li għandna mis-Sub-Sahara. Bħal Stati Membri oħra, lis-Sirjani qegħdin nagħtuhom protezzjoni. Issa, iżda, il-problema tas-Sirja saret problema tagħna wkoll li tiżdied m'oħrajn minn nazzjonijiet differenti.

Il-Kunsill tal-Ministri iddiskuta suġġetti varji oħra. Dwar ir-relokazzjoni, ingħata tagħrif fil-qosor ta' x'sar fir-Relocation Forum tal-25 ta' Settembru li għadda li seħħ wara laqgħa bilaterali li kelli mall-Kummissarju Cecilia Malmström.

Kien hemm diskussjoni wkoll dwar diffikultajiet li ċerti pajjiżi qegħdin iħossu bħala kawża ta' abbużi li qegħdin jiffaċċjaw minn xi persuni li imorru minn pajjiż għall-ieħor tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni wiegħdet li se tħares fil-fond lejn din il-kwistjoni u tagħmel pjan ta' azzjoni għalkemm ma taħsibx li hemm bżonn ta' tibdil fil-liġijiet li jirrigwardaw il-moviment ħieles.

Saret ukolll votazzjoni għal liema Stat Membru se jospita, b'mod temporanju, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL). Il-maġġoranza tal-pajjiżi qablu li dan is-sit temporanju għandu jkun fl-Ungerija.

Barra minn hekk, ħaġa li ma tiġrix is-soltu hija li l-Presidenza laqqgħet l-iStati Membri tal-Unjoni Ewropea u dawk tas-Sħubija tal-Lvant (Eastern Partnership). Dawn il-pajjiżi huma l-Moldova, l-Ukrajna, l-Ġorġja, l-Azerbajġan, l-Armenja u l-Belarus. Iddiskutejna diversi suġġetti ċioe il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalita', il-kriminalita' organizzata u l-migrazzjoni u l-kooperazzjoni fuq dawn is-suġġetti bejn iż-żewġ naħat. Fl-aħħar addottajna dikjarazzjoni li tkompli tħeġġeġ aktar kooperazzjoni.

Fl-aħħar nixtieq inżid li kelli laqgħat bilaterali mal-Ministri tal-Italja u l-Olanda fejn ġew diskussi temi ta' interess għaż-żewġ naħat b'mod partikolari l-Presidenza ta' Malta.